MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 97/2007

**Av. Antoine Camilleri bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza taz-zewg socjetajiet esteri adidas International Marketing B.V. u adidas-Salomon AG**

**vs**

**Av. Dr. Patrick Valentino LL.D. u lill-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar biex jirraprezentaw lis-socjeta` Altawareg Co bhala kuraturi deputati**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

1. L-ewwel socjeta` rikorrenti adidas international marketing B.V., ta` Koningin Wilhelminaplein 30, 1062 KR Amsterdam, tal-Olanda, hija proprjetarja ta' diversi markji,

fosthom il-markju distintiv maghruf bhala *“three stripes device”* liema markju huwa wzat fuq diversi prodotti bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokument *“A”*;

2. Din l-ewwel socjeta` rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta’ proprjeta’ industrijali tal-istess markju distintiv “three stripes device” fil-komplessita’ tieghu irregistrat fir-Registru tal-Markji f’Malta taht *Trademark No. 29740* (kif muri f’Dok. *“A”*), kif ukoll minhabba l-fatt illi dina l-ewwel socjeta` rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku *“three stripes device”* u dan kollu *ai termini* tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. It-tieni socjeta` rikorrenti adidas-Salomone AG, ta` Adi-Dassler-Str, 1-2, 91074 Herzogenaurach, tal-Germanja hija proprjetarja ta` diversi markji, fosthom il-markji distintivi maghrufa bhala “three stripes device on clothing”, “trefoil device”, u “adidas”, liema markji huma wzati mis-socjeta` rikorrenti fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti “B”, “C”, “D” u “E”;

4. Dina t-tieni socjeta` rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta` proprjeta` industrijali tal-istess markji distintivi “three stripes device on clothing”, “trefoil device”, u “adidas” fil-komplessita` taghhom irregistrati fir-Registru tal-Markji f`Malta taht Trademark No. 10994 (kif muri f`Dok. “B”), Trademark No. 30173 (kif muri f`Dok. “C”), Trademark No. 13562 (kif muri f`Dok. “D”) u Trademark No. 29878 (kif muri f`Dok. “E”), kif ukoll minhabba l-fatt illi dina l-tieni socjeta` rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq dawn l-imsemmija disinji jew xogholijiet artistici “three stripes device on clothing”, “trefoil device” u “adidas” u dan kollu ai termini tal-Artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta` Malta;

5. Jirrizulta illi fis-27 ta` Dicembru, 2006 iddahhlet gewwa Malta fuq l-vapur MV “CMA-CGM OTELLO” u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta` abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, qliezet, nuccalijiet tax-xemx u zraben sportivi li jgibu l-markji tas-socjetajiet rikorrenti fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f`erbat elef, mija u tmenin (4,180) bicca, b`Containers Numri DVRU1282956 u ECMU2006807 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-Artiklu 4 tal-Kap. 414;

4. Mill-Polza ta’ Kargu Numru *TSZH004567* u numru TSZH004570 jirrizulta li l-konsenjatarji tal-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, qliezet, nuccalijiet tax-xemx u zraben sportivi in kwistjoni huma ndikati bhala Altawareg Co, Airport Street Benghazi, Libya, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-*Shipper* huma Premera (H.K) Int’l Co, Ltd*;*

5. Id-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta’ intellettwali huwa projibit skond l-Artikolu 4 ta’ l-istess KAP. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Dawn l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, qliezet, nuccalijiet tax-xemx u zraben sportivi *in kwistjoni* jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali taz-zewg socjetajiet rikorrenti skond l-Artikolu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) tal-KAP. 414 li favur taghhom huma rregistrati l-markji distintivi maghrufa bhala *“three stripes device”*, *“three stripes device on clothing”, “trefoil device”* u *“adidas”* kif spjegat aktar il-fuq, u jikkontravvjenu wkoll id-drittijiet ta’ l-awtur illi z-zewg socjetajiet rikorrenti ghandhom fuq l-imsemmija markji distintivi rispettivi taghhom li huma wkoll xogholijiet artistici protetti bil-KAP. 415 tal-Ligijiet ta` Malta – Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur, u dan skond l-Artikolu 2(1) (b) ta` l-KAP. 414, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tal-ewwel socjeta` rikorrenti adidas International Marketing B.V. f`ishem iz-zewg socjetajiet rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok *“F”*);

7. Din il-konsenja ta’ abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, qliezet, nuccalijiet tax-xemx u zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-KAP. 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu z-zewg socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjonijiet mmarkati bhala Dok. *“G”*);

10. L-Avukat Dr. Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Talbu lir-rikorrent tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Fil-konfront taz-zewg socjetajiet rikorrenti, tiddikjara u tiddeciedi illi l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, qliezet, nuccalijiet tax-xemx u zraben sportivi *in kwistjoni* li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu is-socjetajiet rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b’piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-KAP.414);

2. Fil-konfront tal-ewwel socjeta` rikorrenti jigifieri adidas International Marketing B.V., tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, qliezet, nuccalijiet tax-xemx u zraben sportivi li tikkonsisti f`erbat elef, mija u tmenin (4,180) bicca, b`Containers Numri DVRU1282956 u ECMU2006807, *da parti* tas-socjeta’ intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali ta` dina s-socjeta` rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-

KAP. 414, u dan fil-konfront tat-*Trademark* registrat f'isem is-socjeta' rikorrenti bin-Numru 29740 fir-Registru tal-Markji ta' Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xoghol artistiku taghha *"three stripes device"*;

3. Fil-konfront tat-tieni socjeta` rikorrenti, jigifieri adidas-Salomon ag, tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg spotivi, qliezet, nuccalijiet tax-xemx u zraben sportivi li tikkonsisti f`erbat elef, mija u tmenin (4,180) bicca, b`Containers Numru DVRU1282956 u ECMU2006807 da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta` proprjeta` intellettwali ta` dina s-socjeta` rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta' rikorrenti bin-Numri 10994, 30173, 13562 u 29878 fir-Registru tal-Markji ta` Malta, u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq ix-xogholijiet artistici taghha *"three stripes device on clothing" "trefoil device"* u "adidas";

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjetajiet rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, qliezet, nuccalijiet tax-xemx u zraben sportivi *in kwistjoni* minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' intimata, skond l-Artikolu 8 tal-KAP. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) – KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tas-socjetajiet rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni

ta` l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, qliezet, nuccalijiet tax-xemx u zraben sportivi *in kwistjoni* u ta` l-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tal-21 ta` Marzu, 2007, li permezz tieghu il-Qorti hatret lil Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Liliana Buhagiar biex jirraprezentaw lis-socjeta` Altawareg.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati fejn qalu illi:

1. Huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero` jirriservaw illi jippresentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mas-socjeta` minnhom rapprezentata.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha fir-rikors.

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-fatti kollha kif dedotti fir-rikors promotur gew pruvati a sadisfazzjoni ta` din il-Qorti u ma giet prodotta ebda xhieda li b`xi mod ikkontestat l-istess fatti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati kuraturi:

1. tilqa` l-ewwel talba tar-rikorrenti.
2. tilqa` t-tieni talba.
3. tilqa` t-tielet talba.
4. tilqa` r-raba talba u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi l-merkanzija msemmija u dan sa mhux aktar tard minn xahar minn dakinhar li jigi notifikat a karigu tar-rikorrenti b`kopja awtentikata ta` din is-sentenza.

Tordna ukoll lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex mhux aktar tard minn hmistax il-gurnata mid-distruzzjoni idahhal nota fl-atti ta` din il-kawza li biha jgharraf lill-Qorti bl-ezekuzzjoni tal-ordni moghtija b`din is-sentenza;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba.

6. Tilqa` s-sitt talba.

Bl-ispejjez kontra l-intimati b`dana illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati jithallsu provvisorjament mir-rikorrenti nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------